*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-28 ta' Novembru 2019 fil-Każ R 1041/2019-4

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn hija qieset li s-sinjali kunfliġġenti, fl-intestatura li fiha tniżżlu, ma humiex simili;

— tannulla d-deċiżjoni sa fejn hija tirrifjuta bħala prinċipju milli twettaq xebh bejn is-sinjali fis-sitwazzjoni li fiha s-sinjal, kopert mill-applikazzjoni ta' reġistrazzjoni kontenzjuża, kien is-suġġett ta' rotazzjoni ta' 90 grad meta mqabbel mad-direzzjoni li fiha ġie ppreżentat;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

---

## Rikors ippreżentat fit-3 ta' Frar 2020 – Enosi Mastichoparagogon Chiou vs EUIPO (MASTIHACARE)

## (Kawża T-60/20)

(2020/C 103/47)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

### Partijiet

*Rikorrent:* Enosi Mastichoparagogon Chiou (Chios, il-Greċja) (rappreżentant: A.-E. Malami, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea tat-trade mark verbali MASTIHACARE – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 1388895

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' Novembru 2019, fil-Każ R 692/2019–1

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli;

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tawtorizza r-reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea tat-trade mark MASTIHACARE – Applikazzjoni Nru 1388895 – għall-prodotti kollha fil-klassi 3;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tal-kawża b'mod konformi mal-Artikolu 190(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

**Motiv(i) invokat(i)**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (ċ) tar-Regolament (UE) 2017/1001 ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament 2017/2001;

— Ksur tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament 2017/1001 minħabba n-nuqqas ta’ motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata tal-Bord tal-Appell.

([1]) Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Ġunju 2017 (ĠU 2017, L 154. P. 1)

---

**Rikors ippreżentat fl-4 ta’ Frar 2020 – Kneissl Holding vs EUIPO – LS 9 (KNEISSL)**

**(Kawża T-65/20)**

(2020/C 103/48)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Kneissl Holding GmbH (Ebbs, l-Awstrija) (rappreżentanti: O. Nilgen u A. Kockläuner, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* LS 9 GmbH (München, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “KNEISSL” – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 291 377

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta’ Novembru 2019 fil-Każ R 2265/2018-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn tiddikjara li t-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Nru 291 377, “KNEISSL”, hija nulla fir-rigward tal-prodotti “basktijiet għall-affarijiet li jintużaw fil-ġinnasju (sport)” fil-klassi 18 kif ukoll għall-prodotti “ilbies tal-isport, ilbies għal skopijiet rikreattivi, ħwejjeġ li jilqgħu mit-temp; ilbiesi għas-silġ, qliezet għall-iskijjar; parkas għall-iskijjar, ħwejjeġ ta’ taħt, xedd ir-ras” fil-klassi 25 u tiċħad it-talba għal dikjarazzjoni ta’ nullità;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.